Dok 25

One Voice Malta

**Fondazzjoni Nanniet Malta- Rapport lil Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali**

## DRITT GĦALL-AĊĊESS TAN-NEPUTIJIET:

Il-Fondazzjoni Nanniet Malta qed tqanqal proposti ħalli ssir liġi biex in-nanniet ikunu jistgħu jaraw lin-neputijiet tagħhom. Sal-llum l-aċċess għan-neputijiet huwa limitat u għad-diskrezzjoni tal-genitur li jkollu l-kustodja. Dan qed jiġi propost minħabba li l-ulied jistgħu jkunu separati u jkunu reġgħu żżewġu, b'hekk in-nanniet qegħdin jitilfu l-kuntatt minn ma' ulied uliedhom. Is-sitwazzjoni tant hija ħażina li l-Fondazzjoni Nanniet Malta qed titlob lil-Gvern jagħmel liġi li tagħti d-dritt t'aċċess lin-nanniet għan-neputijiet. Din il-proċedura għandha tkun ir-Regola u mhux l-eċċezzjoni, sakemm ma jkunx hemm evidenza li turi li dan l-aċċess m'huwiex fl-aħjar interess tat-tfal.

Il-fatt li qed titqanqal ħtieġa ta' liġi biex in-nanniet jaraw in-neputijiet tagħhom, personalment iħallili weġgħa tal-qalb bħala fundatur tal-għaqda tan-Nanniet f'Malta. Għandna nanniet li kważi lanqas jaraw lil ulied uliedhom. U mill-informazzjoni li ġbart għandna ulied li qegħdin fil-kustodja ta' parti jew oħra u dik il-parti li tipprova ġġelled lil dawk l-istess ulied kontra l-familja jew in-nanniet li setgħu fl-ewwel snin rabbew lil dawn l-istess ulied qed titħalla mill-Awtoritajiet tagħmel dan. Anki meta il-Qorti tkun ħarget digriet li jagħti lok għal kustodja ndaqs lil ġenituri, ħafna drabi parti waħda tgawdi iktar minn dan l-aċċess. Għalhekk il-Fondazzjoni qed tagħmel sejħa għal aktar infurzar tas-sentenzi tal-Qrati u ftehim ieħor li jkun hemm bejn il-membri ta' l-istess familja li jistgħu iħallu effett dirett jew indirett fuq il-benesseri tat-tfal.

Huwa fatt ukoll li ħafna nanniet jipprekludu l-istess neputijiet milli jaraw wieħed mill-ġenituri tagħhom mingħajr raġuni valida fil-liġi. Biex nagħti eżempju: Kawża ta' separazzjoni ta' ġenitur li jaħdem bix-*shift*. Il-mara tgħid fil-qorti biex li meta jkun bix-*shift* missier it-tfal ma jibgħatx lill-ommu jew lill-missieru għat-tfal. Fl-istess ħin, ħafna drabi jiġi rimarkat illi meta l-omm stess tkun qiegħda għax-xogħol, tħalli lill-uliedha man-nanniet!!

F'kazijiet inġusti bħal dawn, il-Fondazzjoni tiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt illi l-istess nanniet minn naħa tal-missier, li qed jiġu mċaħda milli jaraw lil ulied uliedhom, ikunu żammew lil l-istess tfal fl-ewwel snin ta' ħajjithom. Dawn l-istess nanniet ma jkunux jifilħu jagħmlu Rikors il-Qorti biex jaraw lin-neputijiet tagħhom.

Għalhekk, il-Fondazzjoni Nanniet Malta tappella biex il-leġislatur jagħmel xi ħaġa f'dawn il-każijiet meta jkunu ġenwini. Allavolja jista' jkun li n-nannu jew in-nanna, fl-aħħar mill-aħħar, ikunu jafu jiktbu Rikors imma l-isfortuna hi li inti ma tkunx avukat jew prokuratur legali. Rikors jiswa l-flus apparti t-trawma li jgħaddu minnha għaliex ikollom jidħlu l-qorti minħabba li jkunu qed jiġu mċaħħad milli jaraw lin-neputijiet tagħhom fl-aħħar snin ta' ħajjithom.

Huwa diffiċili li n-nanniet jidħlu għal piz tal-qrati fejn jintalbu biex iġibu l-provi li huma rabbew lin-neputi jew neputija. Min-naħa l-oħra, f'dan il-kaz li qed jissemma hawn fuq bħala eżempju, il-ġenituri tal-omm jkunu jistgħu jaraw lin-neputajiet tagħhom aktar għaliex hi jkollha aktar aċċess mill-missier. In-nanniet tal-parti tal-missier qatt ma jkunu ħasbu li xi darba ser ikollhom jipprovdu l-provi biex ikunu jistgħu ikollhom aċċess għan-neputijiet.

Il-Fondazzjoni Nanniet Malta tħoss illi l-leġislatur fuq dawn l-affarijiet irid jieħu passi immedjati.

## IL-PENSJONI TAN-NANNIET:

Nixtieq nistaqsi, kif tista' l-pensjoni sservi jekk in-nanniet għadhom qegħdin irabbu lin-neputijiet? Illum għandek numru ta' anzjani li bil-pensjoni tagħhom iridu jgħinu lin-neputijiet tagħhom. U meta jagħmlu hekk il-pensjoni tagħhom se tinxef għax din kienet maħsuba għal tnejn min-nies biex jgħixu f'ċertu *lifestyle* filwaqt li llum, dik il-pensjoni trid tiġġebbed biex tgħin ukoll lill-ulied uliedhom.

## STUDJU DWAR IL-BŻONNIJIET TAN-NANNIET:

Il-Fondazzjoni tiltaqa ma ħafna nanniet li għaddejjin minn sitwazzjoni tal-familja li qed tpoġġi lin-nanniet f'ċertu dwejjaq jew skumdità. Għandha stampa ċara tajba ta' minn fejn għaddejja s-soċjetà tagħna u qegħda disposta biex tagħti wkoll stampa ta' fejn se jkunu n-nanniet għada pitgħada, forsi għax ikunu wkoll separati u jkunu qed jgħixu waħedhom.

Issemmew is-separazzjonijiet u hawnhekk tajjeb ngħidu li s-separazzjonijiet fil-koppji xjuħ qed jiżdiedu wkoll. Mhux biss il-koppji żgħar qegħdin jisseparaw imma anke koppji ta' 50 sena u 60 sena. Mela allura x'qed jiġri fis-soċjetà tagħna? Din hija xi ħaġa li għandna bżonn nidħlu fiha.

Din is-sitwazzjoni se żżid aktar il-problemi għax sakemm raġel u mara jkunu xjieħu flimkien u jkunu daħlu fl-anzjanità flimkien ikunu qegħdin jagħtu għajnuna lil xulxin. Dik hija r-realtà imma fejn dak il-bastun jonqos għax dik l-għajnuna ma tkunx teżisti, allura l-fraġilità tal-persuna tista' tinħass aktar. Allura qed jiġi propost li jsir rapport fuq il-bzonnijiet tan-nanniet u l-familja li jinkorpora s-sitwazzjonijiet kollha li għaddejjin minnhom in-nanniet Maltin, speċjalment dawk li huma *single Grandparents*, dawn għandhom bzonn l-għajnuna huma stess, aħseb u ara kif jistgħu joffru għajnuna lin-neputijiet li jkollhom problemi speċjali.

L-Fondazzjoni mhux biss qed taħdem biex tiżgura li d-drittijiet tan-nanniet jiġi mħarsa iżda ukoll tpoġġi fil-quċċata tal-ħidma tagħha l-interessi tan-neputijiet, anki meta dan ifisser li l-fondazzjoni jkollha titkellem kontra aġir ħazin li joriġina min-nanniet stess.

**Għalhekk it-talba tal-Fondazzjoni tista' tinqasam fi-tnejn:**

**L-ewwel** tappella li l-legislatur għandu jkun jaf kemm din il-problema tan-nanniet li jistgħu jkunu qegħdin jiġu mifruda u mċaħħda min-neputijiet qiegħda tikber għaliex huwa importanti li n-nanniet ma jweġġgħux imma għandhom jitħallew jaraw lill-ulied uliedhom.

**It-tieni** biex nikkundannaw lil dawk in-nanniet li b'xi mod jew ieħor, għax ikollhom aċċess għan-neputijiet, jispiċċaw jimlew bil-mibegħda lin-neputijiet tagħhom kontra l-ġenitur l-ieħor.

One Voice Malta

<u>**LIMITAZZJONIJIET FIL-LIĠI**</u>

Il-liġi tipprekludi persuna li mhiex membru tal-familja tal-persuna fil-bżonn milli tieħu azzjoni konkreta għal benefiċċju tagħha.

Per Eżempju: Anzjana li tkun qed tgħix waħedha u jkollha bżonn ċerta nuqqasijiet bażiċi. Bħal pereżempju: fejn din il-persuna tkun tbati mid-*dimentia*, tkun mitluqa, ma tinħasilx u forsi lanqas ikollha tfal jew xi kuntatt ma' xi nies oħra, jekk ma jkunx hemm rapport mit-tabib ma tistax kważi toħodha x'imkien għall-għajnuna għax inkella tkun qisek qed tarrestha ladarba qed tieħodha kontra l-volontà tagħha.

Il-Fondazzjoni Nanniet Malta tħoss li huwa importanti li xi darba, xi ħadd jara x'jista' jagħmel fuq din il-problema għax mhux imbilli tagħmel ix-*sheltered homes.* Lil anzjan ma tistax taqbdu u tieħdu fiżikament hemmhekk biex taħslu jew biex titimgħu. Jekk ma jridx lil min jitimgħu dan se jibqa' jmut bil-ġuħ u jekk jien immur f'xi klinika għall-għajnuna, it-tabib inkarigat jgħid li hu ma jistax jarah jekk hu stess ma jridx lil min jinviżtah. Din hi r-realtà.

Qed jiġi propost illi jsir survey biex permezz tal-Kunsilli Lokali nkunu nistgħu niddentifikaw l-anzjani f'kull raħal u fħkull Belt illi jinsabu isolati u waħedhom.

Irridu nkunu ffokati aktar fuq is-*social exclusion,* issa mhux fuq it-tfal, imma fuq in-nanniet kif qed tipproponi l-Fondazzjoni Nanniet Malta. Hemm bzonn studju biex naraw x'inhi verament il-kawża. U l-kawża vera wisq probabbli hija x'inhu jiġri fil-familji tagħna stess. Irridu npoġġu idejna fuq fejn għandna l-feriti.

Għalhekk qed jiġi rrakomandat li dan il-kumitat jaħseb aktar dwar kemm huwa importanti li nagħmlu pressjoni fuq is-soċjetà sabiex in-nanniet tagħna jgawdu l-preżenza tan-neputijiet għax din hija xi ħaġa pożitivva għaż-żewġ partijiet. Dan qalitu wkoll l-Qorti tal-Unjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi tagħha.

Min-naħa l-oħra rridu nikkundannaw lil dawk in-nanniet li għandhom aċċess għan-neputijiet tagħhom imma jagħmlu użu ħażin minn dak l-aċċess għax jipprovaw ideffsu f'moħħ in-neputijiet tagħhom il-velenu kontra wieħed mill-ġenituri tagħhom. In-nanniet għandhom joqogħdu 'l barra mill-każ ta' separazzjoni u ma jżidux aktar mibegħda bejn il-ġenituri tan-neputijiet li jkunu qegħdin jisseparaw. In-nanniet għandhom ikunu edukati fil-mod ta' kif iġibu ruħhom f'każ li jkun hemm separazzjoni fiż-żwieġ ta' uliedhom. U dan għandhom jagħmluh biex in-neputijiet ma jweġġgħux aktar.

6.

One Voice Malta

# KAMPANJA EDUKATTIVA

## INTRODUZZJONI TA' HELP LINE GĦAN-NANNIET U N-NEPUTIJIET

**Jkun hemm spettorat li jilqa' rapporti tan-neptutijiet u n-nanniet fl-ahjar interess tal-membri kollha tal-familja.**

Għandu jkun hemm HELPLINE li jwassal għal-rapport fi ħdan spettorat li jkun qed jinvestiga l-ħtiġijiet u r-rapporti li jidħlu mingħand in-neputijiet vis-a-vis in-nanniet u vice versa.

B'hekk nistgħu nrawmu lin-neputjijet jagħtu l-ewwel għajnuna u jroddu b'rispett l-imhabba u l-għozza li tant joffru in-nanniet lilhom.

Ssib persuni u anzjani li ma jkunux iridu għajnuna mingħand barranin – persuni mhux membri tal-familja tagħhom. Mill-esperjenza li tisma l-Fondazzjoni Nanniet Malta, in-nanniet jaslu li jikkonvincuhom in-neputjiet jinħaslu regolari, jieklu tajjeb u saħansitra jistaqsu għal kura li jkollhom bżonn.

**Wahda mill-Inizjattivi tal-Fondazzjoni jisimha 'Adopt a Grandparent –**

**Addotta Nannu jew Nanna'**

**L-inizjattiva – Addotta Nannu jew Nanna**, għandha tħajjar neputijiet biex jestendu is-sens altruist tagħhom għal beneficcju ta' nanniet li jħossuhom isolati u waħedhom. Dawn in-nanniet għandhom jiġu identifikati minn-*carers* u *social workers* li jaħdmu f'dan is-settur, biex permezz ta' din l-inizjattiva dawn in-nanniet ikunu jistghu jħosshom parti mis-soċjetà billi jingħataw ftit attenzjoni b'mod regolari mingħand neputijiet zgħazagħ li b'mod voluntarju jkunu jistghu jtaffu s-solitudini ta' dawn in-nanniet.

## KAMPANJA EDUKATTIVA

Ħtieġa ta' anzjani aktar emanċipati fil-futur: Il-motto tagħna għall-futur għandu jkun mhux biss li we add more years to life but to add quality to life. Aħna nħossu li għall-futur l-anzjan hemm bżonn li jkun iktar kapaċi jtawwal l-awtonomija tiegħu u jżomm ruħu aġġornat kemm jista' jkun f'dak kollu li jkun qed jiġri madwaru biex b'hekk jibqa' jħossu parti mid-dinja li jgħix fiha. Dan jista' jagħmlu permezz tal-media, speċjalment ix-xandir u l-gazzetti flimkien ma' użu tat-teknoloġija tal-informatika. Inħossu li l-anzjan tal-futur għandu jkun aktar computer orientated u sa ċertu punt jibqa' computer orientated għax ħafna minn dawk li qegħdin jaħdmu bħalissa proprju jużaw il-computers fix-xogħol tagħhom. Permezz ta' e-goverment l-anzjani jkunu jistgħu jinqdew minn ġo darhom stess dwar pensjonijiet, ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma u anke tat-telephone u anke e-banking. Aktar mal-anzjan ta' għada jkun emanċipat aktar iżomm l-awtonomija tiegħu fit-tul. Dan ikun aħjar għalih u għall-komunità tiegħu.

One Voice Malta

**TIME TO CARE FOR YOUR GRANDPARENTS**

Naraw illi d-dar tan-nanniet hija atrezzata f'kaz illi jkun hemm periklu ghat-tfal, dan meta l-istess tfal ikunu taht il-kustodja ta genitor wiehed, izda jigi rrapurtat illi fil-veritá l-istess tfal qed iqattghu aktar hin man-nanniet milli mal-genitur innifsu.

Neputijiet li jibdew jitfarfru, jistghu jkunu ta' ghajnuna ghan-nanniet u jibdew jinnutaw in-nuqqasijiet li n-nanniet jistghu ikunu qed isofru.

Ghalhekk, in-neputijiet li jkunu qed jikkommettu ftit hin fil-gimgha biex ikunu ta sostenn ghan-nanniet taghhom jew anzjani ohra, jkunu jistghu jirrapurtaw huma stess lil dan l-iSpettorat ghandu jiehu konjizzjoni tat-talbiet li joriginaw minghand in-neputijiet fin-nuqqas tal-membri l-ohra tal-familja.

In-neputijiet li jidħlu fl-iskema ta' Addotta Nannu jew Nanna għandhom jigu mrawma *b'caring skills* li għandhom jiġu pprattikati fil-familja stess, ergo, mal-membri kollha tal-familja, inkluz in-nanniet kemm biologici kif ukoll addottati.

Dawn in-nanniet ikollhom bzonnijiet li l-Gvern ma jkunx jista jaffordja jqabbad *carer* għal kull ħaga żgħira li jista facilment jaqdi n-neputijiet.

Ikun xieraq li jiġi introdott servizz ta' *welfare* biex is-*social workers* ikunu jistgħu jżuru darba fil-ġimgħa lil dawn l-anzjani u jaraw li saħħithom hija tajba u jekk le, ikunu huma stess li jsejħu t-tabib fil-komunità.

In-neputi jew neputija addottivi jkunu jistghu jaraw ikunx hemm xi ħaġa ta' periklu fid-dar ghal-anzjan jew jekk hemmx xi ħaġa li tkun qiegħda tinkwieta lill-anzjan. Tiswijiet fid-dar li jindunaw bihom bħal xi tieqa li ma tingħalaqx sew, xi ħġieġ imkisser, xi vit iqattar, xi serratura li trid tinbidel, eċċ. Ikunu n-neputijiet li jaghmlu pressjoni fuq il-membri tal-familja ta l-anzjan, la darba dawn ikunu prezenti f'hajtu, biex jieħu azzjoni bhal per ezempju jissejjaħ *handyman* provdut mill-gvern meta l-anzjan ma jkunx jaf xi jkun irid jagħmel.

Xi drabi ninsew kemm il-darba n-nanna u n-nannu kienu jinkwetaw meta jindunaw li ghadna ma kilniex jew li l-mama jew il-papa ma sajrux ikel nutrittiv li jixraqilna.

Meta n-neputijiet jikbru, huwa tajjeb li jibdew jiehdu hsieb lin-nannu u n-nanna huma stess!! Bhal per ezempju jaraw li l-ikel li n-nanniet ikun qiegħed jiekol ikun adegwat għal saħħihom. Fuq kollox in-neputijiet tant ikollhom rapport familjari man-nanniet illi jista' jkun il-kaz li fin-neputijiet stess isibu dik il-persuna li fiha jkunu jistghu jafdaw, jibdew jieħu pjaċir ikellmu u li fihom isibu mezz biex ma jħossuhomx waħdehom u iżolati mill-kumplament tas-socjeta.

Jiġi żmien meta n-nanniet isiru anzjani, jibdew jħossu li qed jitilfu l-awtonomija tagħhom u ftit ftit jibdew jsiru dipendenti fuq ħaddieħor. Jekk fil-familja hemm min jista' jagħti daqqa t'id għax ikun għadu żagħżugħ, allura m'hemmx isbaħ milli wieħed jirċievi kura b'imħabba u rispett minn uliedu stess jew mingħand in-neputijiet. Iżda għal dawk li m'għandhomx, ikollhom jirrikorru għar-residenzi għall-anzjani u hemmhekk fejn wieħed jibda jħossu iżolat u l-Gvern ikun f'obbligu li jestendi s-servizzi mill-barranin ghaliex ikun hemm bzonn ta aktar residenzi ġodda għall-anzjani.

Dawk l-anzjani li jkun għadhom jixtiequ jgħixu fil-komunità u li jkunu assolutament waħedhom, jistgħu jiġu mwensa permezz ta' *servizz* li jista' jinħoloq u fl-istess hin ikun qed jghaqqad il-familji u jitrawmu valuri bħar-rispett, tolleranza, solidarjeta lejn il-membri kollha tal-familja.

Jista jkun li jagħżlu li jgħixu flimkien u joffru wens u kumpanija lil xulxin.In-neputijiet meta jikbru jkunu jistghu joffru aktar protezzjoni lin-nanniet li jghixu wahedhom minn xi atti kriminali fuqhom. Fil-passat kien hemm suġġeriment għal night care shelters u dan jidher li ħadem.

Meta l-anzjan isir tant fraġli fl-aħħar snin ta' ħajja tiegħu u jsir dipendenti għal kollox f'dik li hi ndafa personali, biex jiekol, biex jorqod, eċċ., allura jkun wasal iż-żmien ta' long-term care. Bħalma tarbija jkollha bżonn ta' kull forma ta' għajnuna hekk ukoll ikollu bżonn l-anzjan f'dawn iċ-ċirkostanzi. Meta jinsabu membri tal-familja li b'ġenerożità kbira joffru li jidħlu għall-piż ta' caring ikun xieraq li jiġu mogħtija remunerazzjoni mill-gvern u jiġu mogħtija credits għall-fini tal-pensjoni. Wara kollox, aħna nafu li sodda fir-Residenza San Vincenz de Paule tiswa' madwar €56 kuljum. Dawn il-familji jkunu qegħdin jiffrankaw piż finanzjarju lill-gvern.

Hemm bżonn ta' makkinarju legali biex jiġu protetti l-anzjani minn abbużi minn terzi persuni. Abbużi jistgħu jkunu f'forom differenti, bil-kliem, permezz ta' theddid fiżiku, permezz li wieħed jasal biex jerfa' jdejh fuq anzjan li ma jkunx jista' jiddefendi ruħu għax ma jkollux saħħa jew meta anzjan jiġi mċaħħad minn ikel u xorb neċessarju jew inkella jiġi traskurat fl-indafa personali tiegħu bħala forma ta' rikatt. Jista' jkun hemm abbużi finanzjarji miċ-ċekkijiet tal-pensjoni jew testmenti sforzati, bejgħ jew serq ta' oġġetti mid-dar u kull forma ta' abbuż bla kuxjenza ta' prokuraturi ġenerali.

Filfatt ġiet introdotta leġislazzjoni biex min ikun ħati ta' vjolenza fuq anzjani vulnerabbli jkun penalizzat kif jixraq.

Il-Fondazzjoni tipproponi illi in-neputijiet jkunu jistgħu joffru din is-sorveljanza kontra forom ta' vjolenza fuq in-Nanniet/anzjani u jekk ikun hemm bżonn jirrapportahom ukoll.

## UTILIZZAZZJONI AĦJAR TA' NIES ANZJANI ATTIVI FIL-KOMUNITA

L-anzjan huwa riżorsa ta' min japprezzaha fil-pajjiż u għalhekk tajjeb li wieħed jintebaħ b'dan. F'pajjiżna għad m'għandniex il-konvinzjoni li l-anzjani attivi li għadhom b'saħħithom u b'moħħ tajjeb u sharp huma riżorsa fil-pajjiż li għandha tiġi utilizzata għall-ġid komuni. Bin-numru ta' anzjani dejjem jikber għall-futur il-pajjiż imissu jkollu direttorju aġġornat ta' dawk li huma irtirati mix-xogħol u lesti li joffru l-expertise tagħhom b'mod volontarju. Fuq kollox l-anzjani għandhom ikunu involuti b'mod effettiv fil-policy making għat-titjib u aċċess ta' servizzi soċjali bbażati fuq quality standards ta' saħħa u long-term care li jolqtu lilhom. Il-gvern jagħmel tajjeb li jinvolvi nies li jippromettu biex ikunu fuq advisory boards u jgħinu fid-decision making policies. Hekk ukoll wasal iż-żmien li f'pajjiżna jiġi stabbilit u rikonoxxut bħala dritt fundamentali l-minimum old pension adegwat biex tiġi żgurata d-dinjità u l-indipendenza tagħhom. Dawn il-proposti aħna nixtiequ li narawhom inklużi fl-action plan ta' pajjiżna fil-futur.

One Voice Malta

**IL-BŻONNIJIET TAL-FAMILJA MALTIJA:**

Il-futur tal-familja Maltija: Dak li qed jiġri fil-familji tagħna llum iħassibna ħafna lilna l-anzjani. Qegħdin naraw il-familja tiġġarraf b'mod mgħaġġel u nħossuna m'aħniex kapaċi li nbiddlu r-rotta li din ħadet. Il-kawżi ta' separazzjonijiet żdiedu.

T-twelid barra ż-żwieġ żdied ukoll. Ħafna mit-trabi jiġu irreġistrati bħala ulied ta' *unknown father*.

Minn dan kollu wieħed jieħu idea ċara ta' kif il-kulturi qegħdin jinbidlu f'dawn iż-żweġijiet imħallta. Ulied minn dawn iż-żweġijiet ma tistennix li se jħaddnu l-valuri tradizzjonalment Maltin. Din se tkun is-soċjetà Maltija fil-futur.

Ilkoll naqblu li din l-istampa sewda u kerha li għaddejjin minnha l-familji ġo pajjiżna tnikkitna għall-aħħar għax aħna kellna x-xorti li għexna ġo familji sbieħ fejn il-ġenituri sabu l-kuntentizza tagħhom skont il-mezzi li kellhom u għożżew ħafna l-ġabra tal-familja. Iżda mhux ta' min jaqta' qalbu għax *"it is better to light a candle rather than to curse darkness"*. U dan id-dawl jistgħu joffruh in-nanniet bl-eżempju tajjeb tagħhom u bil-pariri u twissijiet għaqlija lill-uliedhom u n-neputijiet tagħhom. Nanniet li jagħlqu l-40 sena jew 50 sena u anke s-60 sena ta' żwieġ flimkien jistgħu jkunu l-isbaħ mudell ta' familji sodi u eżemplari b'valuri li nafu ngħożżu aħna l-Maltin. Nisperaw li dan il-kwadru li pprovajna nagħtu tagħna n-nanniet, l-anzjani u tal-familja għall-futur sibtuh ta' għajnuna għalikom bħala membri parlamentari f'pajjiżna.

Hija realta li l-valuri tradizzjonali Maltin f'dawn l-aħħar 20 sena tkissru u għalhekk llum għandna s-soċjetà li għandna. Izda llkol nirrikonoxxu li m'hemm xejn isbaħ milli jkun hemm dik l-armonija d-dar. L-armonija fid-dar tiġi meta l-missier u l-omm ikunu jħobbu lil xulxin.

Il-Fondazzjoni qed taħdem biex tgħaqqad dan il-*unit* fejn it-tfal jaraw li jkun hemm l-idea ta' familja, forsi jitnaqqsu l-problemi li għandhom llum.

Kif jgħid l-Ingliż: *We don't need to light just one candle but we need to light several candles because the darkness is big.*

Jekk irridu nieħdu ħsieb lit-tfal, irridu nibdew naraw kif nikkomunikaw aħjar mal-ġenituri u nżommu lill-ġenituri flimkien. Irridu nikkomunikaw ukoll man-nanniet tal-lum, mal-irġiel miżżewġa friski kif ukoll maż-żgħażagħ li xi darba se jsiru huma wkoll nanniet. Huwa importanti li dawn jaħsbu fil-futur tagħhom qabel ma jiddeċiedu x'azzjonijiet jagħmlu llum għax iridu jkunu konxji tal-effetti ta' għemilhom.

U allura l-fondazzjoni qed tippromovi din is-sens ta' responsabilità bejn il-membri kollha tal-familja għal ġid tat-tfal.

One Voice Malta

**KAP 16 tal-Liġijiet ta' Malta – Kodiċi Ċivili**

**L-OBBLIGI TAL-ULIED**

**5.** (1) Għall-manteniment, ir-raġel jew il-mara jiġu qabel l- Manteniment omm u l-missier jew axxendenti oħra.

(2) Meta sew l-ulied kemm ir-raġel jew il-mara jitolbu lmanteniment, ilkoll għandhom jedd daqsinsew.

(3) Ir-raġel u l-mara, sakemm jistgħu jieħdu l-manteniment mingħand xulxin, ma jistgħux jitolbuh mingħand uliedhom jew dixxendenti oħra jew mingħand l-axxendenti tagħhom. Meta jintemm id-dmir għallmanteniment.

**6.** Id-dmir ta' manteniment ta' parti fiż-żwieġ lejn il-parti l-oħra jintemm jekk il-parti l-oħra, wara li tkun telqet mid-dar taż-żwieġ, bla raġuni xierqa ma tkunx trid tmur lura d-dar.

Dmiriiet tal-ġenituri lejn uliedhom.

**7.** (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit flartikolu 3B.

(2) Meta ma hemmx il-ġenituri, jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi biżżejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-oħra.

Dmirijiet tal-ulied lejn il-ġenituri.

**8.** L-ulied għandhom id-dmir li jagħtu l-manteniment lill ġenituri tagħhom jew axxendenti oħra, li jkunu fil-bżonn.

Dmirijiet tal-miżżewġin lejn xulxin fl-għoti ta' manteniment.

**9.** Parti fiż-żwieġ ma tistax ma tagħtix l-appoġġ morali tagħha lill-parti l-oħra fit-twettiq ta' kull obbligu li dik il-parti l-oħra jkollha lejn id-dixxendenti jew l-axxendenti tagħha.